

32005D0661

L 245/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.9.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Settembru 2005

li temenda l-Appendiċi XIV għall-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 dwar ċerti stabbilimenti fis-settur tal-laħam fis-Slovakkja

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 3451)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/661/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (2) L-Appendiċi għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/463/KE ⁽⁵⁾ u 2005/189/KE ⁽⁶⁾.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni, ta' Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Ungerija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Anness XIV, Kapitlu 5, Taqsima B, paragrafu (d) tiegħu,

- (3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Slovakkja, tliet stabbilimenti tal-laħam lestew il-proċess ta' titjib u issa qegħdin f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni tal-Komunità. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jitħassru minn fuq il-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.

Billi:

- (1) L-Anness XIV, Kapitlu 5, Taqsima B, paragrafu (a) għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 jipprovdi li r-reqwiżiti strutturali stabbiliti fl-Anness I għall-Kunsill tad-Direttiva 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam frisk ⁽²⁾ u fl-Annessi A u B għad-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-laħam u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali ⁽³⁾ m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti fis-Slovakkja elenkati fl-Appendiċi ⁽⁴⁾ għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni sal-31 ta' Diċembru 2006, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

- (4) Wieħed mill-istabbilimenti fuq il-lista ta' stabbilimenti fi trażizzjoni għamel sforzi konsiderevoli biex jikkonforma mar-reqwiżiti stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Komunità. Madankollu, dan l-istabbiliment mhuwiex f'qagħda li jtemm il-proċess ta' titjib tiegħu sad-data preskritta min-ħabba limitazzjonijiet tekniċi. Għalhekk huwa ġust li jit-ħalla aktar ħin sabiex ilesti il-proċess ta' titjib.

- (5) L-Appendiċi għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dan għandu jinbidel.

- (6) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie infurmat dwar il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni,

⁽¹⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 121, 29.7.1964, p. 2012. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33; verżjoni kkoreġuta ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

⁽³⁾ ĠU L 26, 31.1.1977, p. 85. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁴⁾ ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 1654.

⁽⁵⁾ ĠU L 156, 30.4.2004, p. 138. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 202, 7.6.2004, p. 95.

⁽⁶⁾ ĠU L 62, 9.3.2005, p. 34.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 huwa mibdul bit-test f'dan l-Anness għal din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

"Appendiċi

msemmi fil-Kapitolu 5, Taqsima B għall-Anness XIV ⁽¹⁾**Lista ta' stabbilimenti, inkluż in-nuqqasijiet u d-dati ta' skadenza għat-tiswija ta' dawn in-nuqqasijiet**

Numru ta' l-approvazzjoni veterinarja	Isem l-istabbiliment	Nuqqasijiet	Id-data ta' konformità sħiħa
GA 6-2	Sered'ský MP a.s., Bratislavská 385, Sered'	Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE: Anness I, Kapitlu I, punt 1(a), (b) u (g) Anness I, Kapitlu I, punt 11 Anness I, Kapitlu I, punt 14(a) Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE: Anness A, Kapitlu I, punt 2(a), (b) u (c) Anness I, Kapitlu I, punt 11	il-31.12.2006
PB 5-6-1	Slovryb a.s., Príbovce Hos- podárske stredisko Považská Bystrica-Rybníky, Žilinská 776/3, 017 01	Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE: Anness I, Kapitlu III.I, punt 1 Anness, Kapitlu I, punt 2(a), (b), (c), (d), (e) u (g) Anness I, Kapitlu III.I, punt 9	it-30.11.2006

Numru ta' l-approvazzjoni veterinarja	L-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment	Settur: Laħam			Id-data ta' konformità sħiħa
		Isem ta' l-istabbiliment			
		Laħam frisk, qtil, tqattigħ	Prodotti tal-laħam	Maħżen tal-frża	
PE 6-10	COLAGEN SLOVAKIA, s.r.o. Kúpeľná 193 958 04 Partizánske	x	x		30.11.2005

⁽¹⁾ Għat-test ta' l-Anness XIV ara ĠU L 236, 23.9.2003, p. 915."